C/2025/1178

19.2.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11833 – ABB / WM / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/1178)

1. Fil-11 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ABB AB (iktar' il quddiem "ABB", l-Iżvezja), ikkontrollata minn ABB Ltd (l-Iżvizzera), il-kumpannija omm aħħarija tal-grupp ABB,

— Wallenius Marine AB (iktar' il quddiem "WM", l-Iżvezja), ikkontrollata minn Rederi AB Soya (l-Isvezja), il-kumpannija omm aħħarija ta' Soya Group

ABB u WM se jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tat-totalità ta' Oversea Fleet Support AB ("Oversea JV", l-Iżvezja).

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— ABB tappartjeni għall-Grupp ABB li huwa attiv fl-elettrifikazzjoni u l-awtomatizzazzjoni,

— WM toffri servizz sħiħ ta' tbaħħir, mid-disinn, il-bini, u l-kostruzzjoni ta' bastimenti ġodda sal-ġestjoni tal-bastimenti.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Oversea JV se jkunu dawn li ġejjin: il-forniment ta' servizzi konnessi ta' appoġġ għall-prestazzjoni tal-flotta.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11833 – ABB / WM / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË